# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMĦALLEF DR CONSUELO SCERRI HERRERA, LL.D.,Ph.D.

**Appell Nru: 300/2024/1 CSH**

**Il-Pulzija**

**vs**

**Godwin Attard**

**Illum, 12 ta' Mejju, 2025**

**Il-Qorti;**

**Rat** l-akkużi dedotti kontra l-appellant, **Godwin Attard** detenur tal-karta tal-identità Maltija 1775G akkużat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar is-26 ta' Ġunju 2023, għall-ħabta ta' 18:40 waqt li kien fi Triq ir-Rabat, Nadur, Għawdex:

1. Saq il-vettura ta' għamla BMW 3 Series fi triq mingħajr ma kellha l-pjanċi bin-numri ta' reġistrazzjoni (Regolament 32(4) tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Saq jew ippermetta li titħalla vettura ta' għamla BMW Series 3 fi triq, kemm ipparkjata u kemm jekk kienet qed tintuża, mingħajr liċenzja ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Regolament 13(2) tal- Legiżlazzjoni Sussidjarja 368 02 tal-Liġijiet ta' Malta); u

3. Saq il-vettura ta' għamla BMW Series 3 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni (Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Rat** is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar it-3 ta' Lulju, 2024, fejn sabet lill-appellat mhux ħati tal-imputazzjonijet miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minn kull ħtija u piena stante li l-imputazzjonijiet ma ġewx ippruvati sal-grad rikjest mill-liġi;

**Rat** ir-rikors tal-appell tal-appellat Avukat Ġenerali preżentat fir-Reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-25 ta' Lulju,2024:

- Tħassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza appellata u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet u partikolarment lill-appellat mid-dritt tiegħu tad-doppio esame, tirrimetti u tibgħat l-atti proċesswali lura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati sabiex il-kawża terġa' tinstema' mill-ġdid u tiġi deċiża skont il-liġi.

**L-aggravji huma ċari u manifesti**

Illi l-Qorti tal-Maġistrati errat meta lliberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, minħabba n-nuqqas ta' dehra tax-xhud prinċipali tal-Prosekuzzjoni, minkejja li ġiet esibita riferta pożittiva fil-konfront tiegħu. Minflok, li kellu jsir kien li l-Qorti tal-Maġistrati tiddiferixxi l-kawża għal data oħra, u tipproċedi kontra x-xhud li ma deherx skont il-liġi, okkorrendo billi toħroġ mandat ta' akkumpanjament kontra tiegħu għas-seduta li jmiss. Isegwi li l-Qorti tal-Maġistrati ma mxietx mal-proċedura li normalment issir f'ċirkostanzi bħal dawn u, konsegwentement, il-proċeduri fil-konfront tal-appellat kienu monki.

Illi, f'dan ir-rigward, jibda biex jingħad li ħarsa lejn l-atti proċesswali, wieħed josserva li l-ewwel seduta kienet seħħet nhar it-2 ta' Mejju 2024. Dakinhar dehru l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Josef Gauci u Dr Chris Said għall-imputat qua appellat. Però, għalkemm il-Prosekuzzjoni esebiet riferta pożittiva tal-appellat, huwa ma deherx fil-Qorti. Il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-appellat ħati ta' disprezz lejn l-Awtorità tagħHa, u ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' arrest fil-konfront tiegħu, u ddifferiet il-kawża għat-3 ta' Lulju 2024.

Illi fis-seduta ta' nhar it-3 ta' Lulju 2024, dehru l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Josef Gauci u l-appellat assistit minn Dr Chris Said. L-Uffiċjal Prosekutur qara u kkonferma l-akkużi bil-ġurament, u esebixxa affidavit ta' PS 2100 Lorraine Grech Mifsud, liema affidavit kellu okkorrenza annessa miegħu, u affidavit ta' Saviour Farrugia, impjegat fid-Direttorat għat-Trasport fuq l-Art, liema affidavit kellu dokumenti annessi miegħu. L-okkorrenza kienet iddaħħlet minn PC 979 Daniel Mohr. Dakinhar kellu jixhed PC 979. Però, għalkemm il-Prosekuzzjoni esebiet riferta pożittiva ta' PC

979, liema riferta kienet turi li huwa kien notifikat fl-14 ta' Mejju 2024, huwa ma deherx fil-Qorti. Il-Prosekuzzjoni talbet li jinħareġ mandat ta' akkumpanjament fil-konfront tax-xhud PC 979.

Madankollu, il-Qorti tal-Maġistrati qieset inaċċettabli li PC 979 ma attendiex għas-seduta tat-3 ta' Lulju 2024, minkejja li kien debitament notifikat u li l-appellat attenda għax inħariġlu mandat ta' arrest biex imbagħad ma attendiex l-Uffiċjal tal-Pulizija. Il-Qorti tal-Maġistrati osservat ukoll li l-kawża nbdiet fuq rapport tal-istess PC 979, li l-istess Uffiċjal tal-Pulizija ma tax raġuni lis-Superjuri tiegħu għalfejn ma attendiex għas-seduta, u li ma għamilx affidavit kif seta' jagħmel bħala uffiċjal tal-pulizija. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tal-Maġistrati rrifjutat li tordna l-ħruġ ta' mandat ta' akkumpanjament fil-konfront ta' PC 979 u ordnat il-prosegwiment tal-kawża. Konsegwentement, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq u b'hekk għalqet il-provi tagħha. Id-difiża ddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq. Il-kawża ġiet deċiża u ngħatat is-sentenza.

Illi l-Qorti tal-Maġistrati lliberat lill-appellat primarjament wara li x-xhud prinċipali tal-Prosekuzzjoni, ċjoè PC 979, naqas milli jidher quddiemHa. Kif osservat tajjeb il-Qorti tal-Maġistrati, il-prosekuzzjoni wettqet dmirha għax ippreżentat riferta pożittiva tax-xhud PC 979. Kwindi, għalkemm dan ix-xhud naqas li jidher, dan ma kienx attribwibbli għal xi nuqqas min-naħa tal-Prosekuzzjoni. Isegwi li l-Prosekuzzjoni kellha dritt tagħmel talba għal differiment u għall-ħruġ ta' mandat ta' akkumpanjament fil-konfront tax-xhud PC 979, kif ordinarjament hija l-proċedura. Il-Qorti tal-Maġistrati kellha l-mezzi sabiex taċċerta li l-istess xhud jidher għas-seduta sussegwenti.

Illi PC 979 kien indubjament xhud indispensabbli għall-Prosekuzzjoni, sabiex tipprova l-każ tagħha, u ċjoè sabiex tipprova l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat sal-grad rikjest mill-liġi, senjatament sal-grad ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni. Għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati kellha tiddifferixxi l-kawża għal data oħra, u tieħu l-provvedimenti neċessarji sabiex tiżgura l-attendenza ta' PC 979 kif ukoll tal-partijiet l-oħra.

L-esponent jirrileva li minkejja li l-proċeduri fil-konfront tal-appellat huma sommarji, u l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati kellha kull interess, u l-obbligu li dawn ma jitwalux inutilment, min-naħa l-oħra il-fatt li x-xhud prinċipali tal-Prosekuzzjoni PC 979 ma deherx fit-tieni seduta tal-kawża, bl-ebda mod ma fisser li Hija kellha tagħti s-sentenza u tillibera lill-appellat, minflok ma

aġġornat is-smigħ tal-kawża għal data oħra, u dana dejjem considerando r-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

Illi huwa minnu li skont il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Lulju 2024, jidher li l-Prosekuzzjoni ma tantx insistiet għal differiment, u ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq u b'hekk għalqet il-provi tagħha, però dan għamlitu wara li esebiet il-provi l-oħra kollha tagħha, u wara li talbet lill-Qorti tal-Maġistrati biex jinħareġ mandat ta' akkumpanjament fil-konfront tax-xhud PC 979, liema xiehda tiegħu kienet tant prova indispensabbli biex issaħħaħ l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat, u l-Qorti tal-Maġistrati rrifjutat li tagħmel dan. Inoltre, il-fatt li l-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti tal-Maġistrati biex jinħareġ mandat ta' akkumpanjament fil-konfront tax-xhud PC 979 jindika li l-Prosekuzzjoni riedet li l-Qorti tagħti differiment għat-tkomplija tas-smigħ tal-kawża għax kieku ma kinitx tagħmel tali talba.

Kif tajjeb issottomettiet il-Prosekuzzjoni fir-rikors tal-appell, l-interess prinċipali fil-proċeduri penali hu tal-partijiet, ċjoè l-Prosekuzzjoni rappreżentata mill-Pulizija Eżekuttiva jew, fil-każ kontemplat fl-Artikolu 373 tal-Kap. 9, l-offiż jew kwerelant u mill-banda l-oħra l-imputat. U xhud ma għandu ebda dritt li jippriva lill-parti li tkun inġunġiet u biex jixhed mid-depożizzjoni tiegħu (Ara. App. Krim. "**II- Pulizija vs. Pierre Schembri**" [8.1.1996] u oħrajn.)

> *"...ghalkemm certament kien ikun ahjar u aktar prudenti li kieku t-talba ghal differiment giet formalment registrata, il-fatt li l-prosekuzzjoni pprezentat ir-riferta u ma rrinunzjajtx ghax-xhieda...kienet indikazzjoni cara li l-prosekuzzjoni riedet li dak ix-xhud jinstema'."*

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, fl-umli fehma tal-esponent, il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx legalment u raġonevolment iċċaħħad lill-Prosekuzzjoni minn prova tant indispensabbli, u ċjoè x-xhud PC 979, u, sussegwentement, tillibera lill-appellat minħabba li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-każ tagħha sal-grad li trid il-liġi u kien għalhekk li ġie intvolat dan l-appell.

**Semgħet** lill-partijiet jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom u dan fis-seduta tal-5 ta' Frar 2025;

**Ikkunsidrat**

Illi dan hu appell tal-Avukat Ġenerali, fejn sostna li l-Ewwel Qorti ma ppermettitx lill-prosekuzzjoni tressaq prova indispensabbli li

kient ammissibbli skont il-liġi. Tgħid li l-Ewwel Qorti żbaljat meta lliberat lill-appellat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, minħabba n-nuqqas ta' dehra ta' xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni, minkejja li ġiet esebita riferta pożittiva fil-konfront tiegħu. Tgħid li l-Ewwel Qorti messha ddifferit il-kawża għal data oħra, u tipproċedi kontra x-xhud li ma deherx skont il-liġi okkorrendo, billi toħroġ mandat ta' akkumpanjament kontra tiegħu għas-seduta li jmiss. Id-difiża min-naħa tagħha tgħid li x-xhud ma deherx; u peress li dawn huma proċeduri sommarji, sewwa għamlet l-Ewwel Qorti meta għaddiet biex tagħti s-sentenza tagħha, u tillibera lill-appellat.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel seduta, u ċjoè nhar it-2 ta' Mejju 2024, li nżammet għas-smigħ tal-provi l-appellat ma deherx; u l-Qorti sabitu ħati ta' disprezz lejn l-Awtorità Tagħha; u ordnat l-ħruġ ta'mandat ta' arrest fil-konfront tiegħu, u dan wara li ġiet esebita riferta pożittiva mill-prosekuzzjoni.

Illi fis-seduta sussegwenti, u ċjoè dik miżmuma nhar it-3 ta' Lulju 2024, deher l-appellat assistit minn Dr Chris Said. Xehdu numru ta' xhieda, u l-prosekuzzjoni ppreżentat riferta pożittiva tax-xhud tagħha PC 979 Daniel Mohr. Minn eżami ta' din ir-riferta esebita a fol 16 tal-atti, jirriżulta li x-xhud PC 979 Daniel Mohr ġie notifikat għal din is-seduta nhar l-14 ta' Mejju 2025. Dakinhar l-Qorti vverbalizzat is-segwenti:

> *Il-Qorti tqis inaċċettabli l-fatt li PC 979 Daniel Mohr ma attendiex għas-seduta tal-lum, minkejja li kien debitament notifikat. Dan meta wkoll tali kawża nbdiet fuq rapport tal-istess PC 979. L-istess Uffiċjal ma ta l-ebda raġuni lis-superjuri tiegħu għalfejn ma kienx se jattendi llum, u lanqas ippreżenta affidavit kif seta' jagħmel bħala uffiċjal tal-pulizija. Tqis ukoll li huwa inaċċettabli li l-akkużat attenda llum għax inħariglu mandat ta' arrest biex imbagħad l-uffiċjal tal-pulizija ma attendiex. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti qed tordna l-prosegwiment tal-kawża u mhux ser tordna l-ħruġ ta' mandat ta' akkompanjament fil-konfront tal-istess xhud.*

Dakinhar stess, u ċjoè fit-3 ta' Lulju 2024, l-Ewwel Qorti għaddiet biex tiddeċiedi l-kawża. Illi minn eżami tal-verbal, jirriżulta li l-prosekuzzjoni ma kinitx qed tinsisti fuq ix-xhieda tagħha, però min-naħa l-oħra hija esebiet ir-riferta tax-xhud prinċipali tagħha, u fl-ebda ħin ma ddikjarat li kienet qed tirrinunzja għal tali xhud li kien indispensabbli għaliha.

Filwaqt li din il-Qorti tissimpatizza mas-sitwazzjoni li l-Qorti Inferjuri tista' xi minn daqqiet tinsab fiha, ċjoè li ma tkunx tista' tipproċedi, biex tisma' kawża għax-xhud, jew xhieda, ma jidhirx jew ma jidhrux; dan ma jiġġustifikax lil dik il-Qorti li tippriva lill-prosekuzzjoni minn prova indispensabbli, u taqbad u tgħaddi għas-sentenza. Fid-dawl ta' diversi sentenzi ta' din il-Qorti, li ser jiġu aktar 'il quddiem elenkati, dak li kellha tagħmel l-Ewwel Qorti kien li tiddiferixxi l-kawża għal data oħra; u tipproċedi kontra x-xhud kif provdut fis-Subartikolu (4) tal-Artikolu 441 tal-Kodiċi Kriminali res applikabbli għal proċeduri quddiem il-Qorti Inferjuri, bil-paragrafi (a) tas-Subartikolu (1) tal-Artikolu 525 tal-Kodiċi Kriminali.

Dan naturalment jgħodd ukoll għal meta ikun hemm ukoll oppożizzjoni daparti tad-difiża għal tali differiment, jew altrimenti meta d-difiża tinsisti li s-sentenza tingħata f'dik is-seduta, u salv dejjem li x-xhud inkwistjoni jkun wieħed indispensabbli għal każ tal-prosekuzzjoni, jew tal-kwerelant.

Hawnhekk din il-Qorti tixtieq tirrileva, u dan interament obiter, li meta kawża tiġi differita diversi drabi, u kull darba x-xhieda li jkunu ġew imħarrka, ma jittellgħux jixhdu, tikber il-possibilità li għal seduta sussegwenti xi wieħed, jew aktar minn dawk ix-xhieda, jiddeċiedu li jinjoraw it-taħrika, u ma jidhrux. Dan qed jingħad għax din il-Qorti tifhem li kull min hu involut fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja għandu jkun sensittiv għall-inkonvenjent ikkaġunat lill-persuna li tiġi mħarrka, biex tidher il-Qorti darba, darbtejn jew tliet darbiet; u kull darba din ma tissejjaħx biex tixhed. Dan l-inkonvenjent għandu, sa fejn hu possibbli, u komputibilment mar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja, jiġi minimizzat jew addirittura eliminat.

Is-sentenzi li għalihom sar aċċenn iktar 'il fuq huma s-segwenti:

i. **Il-Pulizija vs Mario Saliba** deċiża fil-15 ta' Ottubru 1982;
ii. **Il-Pulizija vs Mario Magri** deċiża fit-28 ta' Mejju 1993;
iii. **Il-Pulizja vs Francis Callus** deċiża fl-20 ta' Settembru 1993;
iv. **Il-Pulizjia vs Anthony Zarb** deċiża fit-22 ta' Ottubru 1993;
v. **Il-Pulizija vs Joseph Abdilla u Helen Abdilla** deċiża fit-3 ta' Diċembru, 1993;
vi. **Il-Pulizija vs Francis Borg** deċiża fl-10 ta' Diċembru 1993;
vii. **Il-Pulizija vs Saviour Farrrugia** deċiża fil-25 ta' Lulju 1994;
viii. **Il-Pulizija vs PC 738 Albert Polidano** deċiża fit-2 ta' Settembru 1994;
ix. **Il-Pulizija vs Louis Farrugia** deċiża fid-19 ta' Mejju 1995;
x. **Il-Pulizija vs Urry Margaret** deċiża fis-7 ta' Jannar 2001;

xi. **Il-Pulizija vs Reuben Caruana** deċiża fl-14 ta' Diċembru 2007.

Ilkoll deċiżi minn din l-Onorabbli Qorti.

lli rinfaċċjata b'din is-sitwazzjoni, fejn xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni naqas li jidher meta hekk imsejjaħ, l-Ewwel Qorti, apparti li setgħet tikkundanna lix-xhud għad-disprezz, kellha tiddifferixxi l-kawża, u tordna mandat ta' arrest, jew akkumpanjament kontra tiegħu għas-seduta li jmiss. Dan għaliex, kif ġie ritenut fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Domenico Savio Spiteri" [deċiż fil-5 ta' Jannar 1996], ladarba x-xhud ikun debitament notifikat, u sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx għalih, il-Qorti ma għandhiex tgħaddi għas-sentenza bla ma tisimgħu; imma jekk ix-xhud ikun indispensabbli għall-każ — kif ovvjament kien PC 979 Daniel Mohr f'dan il-każ — il-Qorti kellha tiddifferixxi l-kawża għal data oħra, u tipproċedi kontra x-xhud kif fuq spjegat skont l-Artikolu 441 (4), res applikabbli għall-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bl-Artikolu 525(1)(a) tal-Kap. 9. (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Saviour Farrugia" [deċiż nhar il-25 ta' Lulju, 1994] u oħrajn)

Din il-Qorti sejra għalhekk takkolji l-appell tal-Avukat Ġenerali; però ma taqbilx li għandha tibqa' tisma' l-provi hi stess f'dan l-istadju; u dan biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-doppju eżami; u għalhekk, filwaqt li sejra tirrevoka s-sentenza appellata, ser tibgħat l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex din tisma' l-provi, u tiddeċiedi l-kawża skont il-liġi.

**Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-Appell tal-Avukat Ġenerali; tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata; u tordna lir-Reġistratur sabiex jibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabiex din tisma' l-kawża mill-ġdid u tiddeċiedi skont il-liġi.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Imħallef**

**Jake Mejlak**
**D/Reġistratur**